# IT-TILQIM

Il-mard tal-ġidri kien dari jkexkex lil missirijietna, għaliex kull mita kien jitfaċċa kien jeqred eluf ta' żgħażagħ, u jħassar u jimmarka bosta wċuħ ta' ġuvintur u ta' xebbiet. Kull imxija kienet tħalli wrajha għomja, torox u nies mahnuqa u dan barra mill-mard ikrah u twil fil-pulmuni, fil-għadam u fin-nervi. Għaldaqshekk tistgħu taħsbu kemm xtaqu t-tobba ta' kull żmien illi jeqerdu din il-marda jew għall-inqas itaffu l-ħruxija tagħha.

Minn żmien kien ilhom jafu illi minn jimrad darba bil-ġidri ma jirkebx malajr din il-marda għat-tieni darba; għaldaqshekk fl-Ingilterra waqt l-imxija tas-sekolu sbatax ipprovaw ilaqqmu bl-istess marċa tal-ġidri lin-nies b'saħħithom. Dana għamluh għaliex raw illi bosta infermieri illi kienu tniġġsu f'subajhom waqt li kienu jduru bil-morda, mardu b'ġidri ħafif illi wara salvahom mill-imxija. Iżda dana t-tilqim ma damx wisq ma ġie mħolli għal kollox, għaliex ittendew illi l-marda tat-tilqima kienet tittieħed daqs il-marda vera u għaldaqshekk għalkemm kienet teħles lil ftit li kienu jiġu mlaqqma kienet fl-istess ħin qiegħda tiswa biex ixxerred u tkabbar iżjed l-imxija.

Fl-1796, Jenner qagħad jifli sewwa dak li kien jingħad u jitwemmen mir-raħħala u mill-ħaddiema tar-rziezet u tal-fabbriki tal-butir fuq il-ġidri tal-baqar u taż-żwiemel, u sab illi sewwa kienu jgħidu illi min jitniġġes bil-ġidri tal-baqra ma kienx jirkeb iżjed il-ġidri veru. Iżjed, it-tkixxif li għamel dan it-tabib wera illi min kien jitlaqqam bil-"*vaċċin*" jew ġidri tal-baqra, m'hux talli ma kienx jirkeb il-ġidri tal-bniedem "*varjola*" mita jersaq lejh u jdur bih fil-mard, iżda l-anqas ma kien jimrad mita ipprova w iċappsuh għal ta' l-apposta. Din kienet kixfa kbira illi xegħlet l-Ewropa kollha bil-qawwa illi tâti t-tilqima bil-*vaċċin* illi barra mill-qawwa illi l-bniedem jakkwista kif diġa għedna, ma tista' ġġib l-ebda ħsara jew ixxerred il-marda kif tagħmel it-tilqima bil-"*varjola*" jew ġidri tal-bniedem.

Il-qawwa illi tâti t-tilqima tissejjaħ "ĦLUSIJA" (*immunità*) u tiswa għall-inqas għal seba' snin. Xi nies għandhom il-ħlusija kontra l-ġidri minngħajr ma jkunu tlaqqmu xejn. Din igħidulha "ħlusija minnha nfisha" (*immunità naturale*). Fuq dawn in-nies it-tilqim ma jaqbadx u dawn in-nies ma jimirdux bil-ġidri. F'oħrajn, il-ħlusija ma tkunx "għal kollox" iżda mita dawn in-nies jimirdu, il-marda tkun tant ħafifa illi



l-marid wisq drabi jibqa' fuq riġlejh u ma jurix ħlief ftit ponot imxerrda 'l hinn u 'l hawn ma' ġismu. Ħaġa tassew kurjuża, din il-ħlusija, tant fil-baqra kemm fil-bniedem. Araw: It-tilqim tal-baqra bil-*varjola* (ġidri tal-bniedem) tâti lill-baqra ħlusija mhux biss kontra l-*varjola* imma wkoll kontra l-istess *vaċċin* (ġidri tal-baqra); fl-istess ħin it-tilqim fil-bniedem bil-*vaċċin* tâtih l-istess ħlusija sew kontra l-*vaċċin* kemm ukoll kontra l-*varjola*.

Ma hemmx bżonn ngħidilkom illi minn Jenner 'il hawn sâr studju kbir wisq tant fuq in-natura tal-marda tal-ġidri kemm ukoll fuq din il-ħlusija illi jâti t-tilqim, iżda l-wisa' ta' dal-ktieb ma jħallinix nidħol f'irqaqat bħal dawn għaldaqshekk feħsiebni ngħid kelmtejn kif għandu jsir il-lum it-tilqim, u nispiċċa biex nuri lil dawk illi jibżgħu mit-tilqim b'liema reqqa l-lum isir il-"*vaċċin*" u kemm ma għandhomx raġun jibżgħu minnu.

It-tilqima għandha ssir kif sejrin ingħidu. Wara li tiġi mnaddfa tajjeb il-ġilda tal-koxxa jew tad-driegħ fuq in-naħħa ta' barra u fil-biċċa ta' fuq b'tajjara bl-ispirtu u xxuttata tajjeb b'tajjara nadifa, min ilaqqam iqattar żewġ taqtiriet *vaċċin* madwar purzier bogħod minn xulxin, inbagħad bil-ponta ta' labra tal-ħjata maħruqa fuq lampa għandu jobrox żewġ linji dritti twal kwart ta' purzier waħda fuq kull taqtira bla ma jħalli, jekk jista' jkun, illi d-demm joħroġ. Barra minn dawn il-linji għandu jagħmel żewġ tingiżiet żgħar waħda ma' ġenb kull linja fuq xifer it-taqtira. Inbagħad bil-lixx tal-labra għandu jħokk il-*vaċċin* ġewwa x-xquq u t-tingiżiet illi jkun għamel u jħallihom jixxuttaw weħidhom. B'hekk, wara erbgħa u għoxrin siegħa—jekk wieħed ikun diġa tlaqqam darba f'għomru u jkun fadallu l-ħlusija—jitfaċċa ċirku jew tberfila ħamra ma' dwar il-linja u madwar it-tingiża fejn jidher aktar ċar. Jekk ma jkunx fadallu ħlusija ma jitfaċċa xejn kabel tlitt ijiem u mar-raba' jum tfeġġ il-bużżieqa tat-tilqima illi ġġib ftit tad-deni fit-tlitt ijiem tal-mili tagħha u tâti l-ħlusija bla ma tagħmel ebda ħsara.

Il-lum min jitlaqqam ma għandu l-ebda biża' ta' mard li dari kien jista' jiġri mit-tilqim għaliex il-*vaċċin* tal-lum hu safi minn kull tingisa u ma jittieħedx iżjed minn bniedem għall-ieħor bħalma kienu jagħmlu tletin sena ilu. Il-lum il-*vaċċin* jiġi maħdum b'reqqa kbira fi stabilimenti għal t'apposta fejn jinżammu baqar b'saħħithom miżmuma b'ikel minn l-aħjar u f'arja l-iżjed nadifa. Il-maqjel li fih jinżammu dawn il-baqar jiġi mibni b'se-

K irhira drenaġġjat u vventulal u miżmum sħun, bil-fwar ufmisħu 'fitt l Sħad.d. Il-qiegħa tal-maqjel tinqala' J J 2? tfri ™addfa .1 ddisinfettata kull jum. Is-sodda tat-tiben U -qamħir-rum tiġġedded kull jumu tifr moħm.ja qabel ma Ln mifruxa. II-baqar jiġu nmaddfa tajjeb u wara ,lhjkUnu eżaminati bosta drabi minn tobba speċjahst, ; jinbeda għal tlitt ijiem shaħ it-tindif tas-sider ta!-baqra u mita jkun nadif għal kollox i!-baqra tiġi mlaqqma ***bW-vatjola*** "metodu Tedesk" jew ***b'W-vaċċin*** "metoduSvizzeru". Wara tlitt ijiem sider il-baqrajin. tela' bil-bżieżaq illi wara tlitt ijiem oħra jintlew bil-marċa.

Ma' tul il-marda kollha, sider il-baqra jinżamm mgħotti ġewwa boros tal-gomina lastika jew ta' 1-inċirata rqiqa ***vn\.*** dluka bil-vasellina antisettika. Dawn il-boros jiġu miftuħa mit-tobba speċjalisti fi kmamar imhejjija għalhekk fejn il-baqra tiġi mraqqda ***bWchioroform*** fuqsodod tal-metal u fuq friex tal-għażel bla ebda tinġisa. II-marċa u 1-polpa tal-bżieżaq liġi miġbura fi fliexken tal-kristall diġa' moħmija għalhekk u hekk isir ***W-vaċċin*** illi jiġi mħallat mal-gliċerina u mqassam I'tubi żgħar għat-tilqim lal-bniedem. Kull baqra wara lijeħdulha ***Vvaċċin*** tiġi maqtula u jsir fuqha 1-isbarr sabiex ma jkunx hemm 1-ebda biża' ta' mard illi jista jittieħed mill-bniedem.

Milli għedna jidher biċ-ċar illi ***Vvaċċin*** tal-lum ma fih 1-ebda biża' ta'tinġis b'mard ikrah illi' dari kien ibażża' lill-bniedem, mard ***Ut-tetanu, iar-rsipla, tal-morva*** u mard ieħor illi ma hemmx għalfejn noqgħod insemmih. 11-marda illi ġġib it-tilqima ma fiha l-ebda biżah Għaldaqshekk jidhrilna illi jaqbel wisq ħ wieħed ikun imlaqqam għaliex jista' joqgħod bi kwietu illi ma jirkebx il-ġidri. Waqt 1-imxijiet, il-bżonn illi wieħed jitlaq-qam jinħass wisq aktar, għaliex barra milli jkun qiegħed jarma ruħu kontra l-mard, ikun fl istess ħin qiegħed igħin lill-pajp biex jeħles mill-imxija litbiegħed wisq passiġġieri u ttelief wisq flus lill-pajjiż. Fl-Ingilterra fejn il-liġi tat-tilqim m'hix ta bil-fors għal kollox bħal ,nahif'Malta hemm dan ***W*m*** ment il-ġ,dr, bħal ma kellna 1-ġidri f'Malta. Fl-Ingilterra ibeU waħda ,11, għandha popolazzjoni wisq iżgħar minn »' S™«t Tr*TaKhlein ta' **ke'Ihom** 500każ tal-ġidri; filjagt ,11, fMalta f'ħames xhur ma kelniex żewġ tnżżani! 2 2 Jft|tt*fa,Scx *ara? Il-għaliex il-għadd tan-niesm W uS^Vtt^J*** biUbOSta akbar minn dakta'Malta- U*n Pdhnlnahjun b,ż-żejjed x'ifisser it-tilqim.

# OENS IL-MALTI

*Lill-Prof. T. Zammit,*
***għal kull ma għamel għal Gensna***

Trid tafmnejn ġejja l-ħiia fix-xogħ'l jiebes,
Ix-xeħt' għaqlija, 1-għerf fi lsien barrani,
Mnejn ġejja 1-ġibda lejn allat pajjiżek
U mħabbet darek ?

Kollox minn ġensek: ġens lijafelfġrajja
U kien ewlieni fost il-ġnus bikrin,
Ġens illi bennen għerf u ġieh 1-Ewropa
Fis-snin minsija.

Ħares ma'dwarek, żur imqades Malta,
Ifli t-tnaqqixa fuqil-Ħaġar Kbir,
Stagħġeb biġmielhom, isma' lill-barrani
Jgħid limkien bħalhom;

Inżel fil-qbura liħallew fil-Qedem;
Fittex 1-għamara mal-mejtin midfuna,
Tgħallem għamilha u ssib lil-lum ħadd bħalha
Ma jafifassal.

U jekk trid tafmin kellu da 1-għerf kollu
U min di1-ħajra kellu għas-Sabiħ,
Min għaraf jibni daklież-Żmien ma waqqa'
F'tas-snin ,1-ħarba,

Ma' ngħidlek jiena min, għax bżonn titgħallem
Għandek bil-bosta ħalli tqajjem rixek:
Dan xogħ'l il-Malti fl-ibgħad snin mitiufa
Fi Zmien il-Ħaġar.

Għax il-ġens tiegħek dejjem ġens ta' ħila,
Gens iħobb Dinu, moħħu biss fix-xogħ'I,
Bħeffa jitgħallem, jirkeb lill-barrani,
Gens qatt irsir.

ġo qalbek għożżha dit-tagħlima,
M n-n,es Maltija ġens mil 1-ewwel nett
W qatt ma tista' ġġerraħ rixħaddieħor
Għax għandha tagħha.

**R. Briffc**